Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

15567/16

PUBLIC 87
INF 209

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - ĠUNJU 2016 |

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2016.[1] [2]

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli ta' votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet bağitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:

Sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fi: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium

## INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'ĠUNJU 2016

**Proċedura bil-miktub li ntemmet fl-1 ta' Ġunju 2016**

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1623 tal-1 ta' Ġunju 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra<br>ĠU L 250, 16.9.2016, p. 1-2 | 5729/16 |
| Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra<br>ĠU L 250, 16.9.2016 | 5730/2/16 REV 2 + ADD 1-10 |

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Unjoni Ewropea u l-Mozambique dwar il-verżjoni bil-lingwa Portugiża tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati tal-SADC fil-FSE, min-naħa l-oħra**

F’Diċembru 1990 ġie ffirmat il-Ftehim dwar l-Ortografija tal-Lingwa Portugiża mill-membri kollha tal-Komunità tal-Pajjiżi fejn hu mitkellem il-Portugiż (CPLP) -- l-Angola, il-Brażil, Cape Verde, il-Guinea-Bissau, il-Mozambique, il-Portugall, São Tomé u Príncipe u Timor Leste.

Fil-Mozambique l-Ftehim ġie approvat mill-Gvern f’Ġunju 2012 u qed jistenna r-ratifika mill-Parlament.

Aħna nikkondividu l-qbil li ġej:

1. Jekk, wara d-data tal-firma tal-Ftehim ta’ Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Istati tal-SADC fil-FSE (“UE-SADC FSE”), il-Ftehim dwar l-Ortografija tal-Lingwa Portugiża ma jkunx ġie rratifikat mill-Mozambique, l-UE u l-Mozambique ser jaħdmu flimkien biex jipproduċu verżjoni Portugiża tal-FSE tal-SADC skont il-verżjoni tal-Portugiż kurrenti llum fil-Mozambique.

2. Is-servizzi rilevanti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Gvern tal-Mozambique ser jagħmlu ħilithom biex jiċċertifikaw li din il-verżjoni tkun tista’ titqies bħala Portugiża skont l-Artikolu 120 tar-Regolament dwar il-FSE bejn l-UE u l-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika.

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-Artikolu 74(1) tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati tal-SADC fil-FSE, min-naħa l-oħra**<br>Il-Kunsill iqis li l-formulazzjoni tal-Artikolu 74(1) tal-FSE tal-SADC ma tidderogax u ma tistax tidderoga mill-qsim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha skont it-Trattati, anki għall-investiment. |
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**<br>1. Matul in-negozjati li għaddejjin u dawk futuri dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi (GIs), il-Kummissjoni ser iżżomm kuntatt mill-qrib ma' kull Stat Membru interessat permezz tal-istrutturi konsultattivi disponibbli u ser tilqa' t-talbiet ad hoc għal aktar konsultazzjonijiet.<br>2. Il-Kummissjoni hija impenjata li tilħaq l-aqwa livell possibbli ta' protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi reġistrati fl-Unjoni skont in-negozjati li għaddejjin u dawk futuri tal-Ftehimiet Kummerċjali fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-suq f'kull wieħed mis-sħab kummerċjali u l-interessi tal-Istati Membri.<br>3. Bil-ħsieb tal-Artikolu 4 tal-Ftehim UE-SADC, il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tiżgura l-implimentazzjoni stretta tal-protezzjoni tal-GIs prevista fil-Protokoll 3 u ser tanalizza l-eżitu tal-Ftehim b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni tal-GI.<br>4. Il-Kummissjoni tieħu nota tat-tħassib tal-Greċja dwar ir-riżultati rigward il-protezzjoni tal-ismijiet GI taħt il-FSE tal-SADC b'mod partikolari fir-rigward tal-Feta DOP.<br>5. Fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim UE-SADC, il-Kummissjoni Ewropea timpenja ruħha li tibda proċess ta' reviżjoni tal-Protokoll 3, bil-ħsieb li jintlaħaq l-istess livell ta' protezzjoni għall-GIs kollha tal-UE li jinsabu fih, inkluż il-Feta.<br>6. Fit-tmexxija tal-kumitati istituzzjonali stabbiliti taħt il-Ftehim, il-Kummissjoni ser issib modi prammatiċi biex tinvolvi lill-Istati Membri interessati fil-ħidma ta' dawn il-kumitati f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tal-UE u tal-Istati Membri.<br>7. Bil-ħsieb li toffri appoġġ għall-promozzjoni tal-GIs lill-Istati Membri kif ukoll lill-produtturi u l-esportaturi ta' GIs, speċjalment dawk fosthom l-aktar vulnerabbli, il-Kummissjoni ser teżamina l-possibbiltajiet offruti taħt ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta’ informazzjoni u ta’ promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f’pajjiżi terzi. |

**Dikjarazzjoni mill-Greċja dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati tal-SADC fil-FSE, min-naħa l-oħra**

Il-Greċja tinnota li r-riżultati miksuba dwar il-protezzjoni tad-DOP "Feta" skont il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati tal-SADC fil-FSE, min-naħa l-oħra (il-Ftehim), jipprovdu livell minimu ta' protezzjoni u bħala tali ma joħolqux preċedent għal Ftehimiet Kummerċjali futuri.

Il-Greċja tfakkar li l-ġobon "Feta" huwa rreġistrat bħala Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta (DOP), bi standards speċifiċi li jirrikjedu li jiġi prodott b'ċertu mod tradizzjonali ġewwa żona ta' produzzjoni definita b'mod ċar. Il-Greċja tfakkar ukoll li l-ġobon Feta huwa l-uniku prodott elaborat skont l-ispeċifikazzjoni stabbilita fil-livell tal-Unjoni taħt ir-Regolament (KE) 1829/2002 li hu magħmul esklużivament mill-ħalib tan-nagħaġ b'żieda possibbli ta' ħalib tal-mogħoż sa 30 %. Ir-riżultati miksuba dwar il-protezzjoni tad-DOP "Feta" skont il-Ftehim ma jqisux l-elementi ta' hawn fuq u għaldaqstant ma jiżgurawx il-protezzjoni sħiħa tagħha.

F'dan il-qafas, il-Greċja tqis b'mod sħiħ l-impenn tal-Kummissjoni li tikseb l-aħjar livell ta' protezzjoni possibbli tad-DPO "Feta" fin-negozjati li għaddejjin jew dawk futuri għal Ftehimiet Kummerċjali b'kont meħud tal-elementi msemmija hawn fuq u li tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-protezzjoni tad-DPO "Feta" fl-UE kif ukoll fis-swieq ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu ta' prattiki inġusti.

Il-Greċja taqbel mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, jiġifieri (1) l-impenn tal-Kummissjoni li żżomm kuntatt mill-qrib mal-Istat Membru interessat matul in-negozjati li għaddejjin jew dawk futuri dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi (GIs), (2) l-impenn tagħha biex tikseb l-aħjar livell ta' protezzjoni possibbli għall-indikazzjonijiet ġeografiċi fin-negozjati li għaddejjin jew dawk futuri, (3) l-intenzjoni tagħha li tiżgura l-implimentazzjoni stretta tal-protezzjoni prevista fil-Protokoll 3, (4) l-impenn tagħha li, fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim UE-SADC, tibda proċess ta' reviżjoni tal-Protokoll 3, bl-għan li jintlaħaq l-istess livell ta' protezzjoni għall-GIs kollha tal-UE li jinsabu fih, inkluż il-Feta, (5) biex tfittex modi prammatiċi biex tinvolvi lill-Istati Membri interessati fil-ħidma tal-kumitati istituzzjonali stabbiliti skont dan il-Ftehim, u (6) tappoġġa lill-Greċja fl-isforzi tagħha biex tippromwovi l-indikazzjonijiet ġeografiċi bl-isfruttament tal-possibbiltajiet offerti skont ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014.

Il-Greċja għandha l-ħsieb li tagħmel segwitu tal-punti msemmija hawn fuq u tqishom bħala parti tal-bona fide fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika.

Fil-preżentazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni, il-Greċja qieset b'mod sħiħ id-dimensjoni tal-iżvilupp tal-Ftehim u l-importanza politika u ekonomika tiegħu għall-pajjiżi tal-SADC, partikolarment għal dawk l-inqas żviluppati.

**Dikjarazzjoni mill-Ungerija dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati tal-SADC fil-FSE, min-naħa l-oħra**

L-Ungerija tiġbed l-attenzjoni għall-punt li, jekk ikun meħtieġ li temenda l-leġislazzjoni domestika tagħha għall-applikazzjoni proviżorja mill-Unjoni Ewropea ta' dawk il-partijiet tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati tal-SADC fil-FSE, min-naħa l-oħra, koperti minn kompetenza komuni, dawn l-emendi, minħabba n-natura tal-ordni legali tagħha, għandhom isiru flimkien mal-proċess ta' ratifika nazzjonali, li l-Ungerija tippjana li tibda minnufih.

L-Ungerija tfakkar li skont l-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea "Il-Kunsill, fuq proposta min-negozjatur, għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim u, jekk meħtieġ, l-applikazzjoni proviżorja tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ." Huwa, b’hekk, f’idejn il-Kunsill li jiddeċiedi jekk hijiex meħtieġa l-applikazzjoni proviżorja u x’għandu jkun il-kamp ta’ applikazzjoni speċifiku tagħha. L-Ungerija tinnota li l-Artikolu 113(3) tal-FSE tal-SADC, kif innegozjat mill-Kummissjoni, mhux biss fih impenn għall-applikazzjoni proviżorja mill-UE iżda wkoll definizzjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni tagħha, u b’hekk jantiċipa l-opinjoni tal-Kunsill dwar dawn il-kwistjonijiet. It-teħid ta’ deċiżjoni dwar il-ħtieġa għal applikazzjoni proviżorja fit-test tal-ftehimiet u d-definizzjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni speċifiku tagħha fin-nuqqas ta’ gwida esplicita a priori mill-Kunsill jistgħu jwasslu għal problemi partikolarment fl-Istati Membri, bħall-Ungerija, li l-ordni legali tagħhom ma tippermettix l-applikazzjoni proviżorja qabel ir-ratifika. L-Ungerija hija tal-fehma li l-Kummissjoni għandha żżomm lura milli tuża l-approċċ rifless fl-Artikolu 113(3) tal-FSE tal-SADC f’negozjati kummerċjali futuri, sakemm id-direttivi approvati għan-negozjati mill-Kunsill ma jistidnux speċifikament lill-Kummissjoni tagħmel dan.

**Dikjarazzjoni mill-Portugall u s-Slovenja dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim tas-Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati tal-SADC fil-FSE, min-naħa l-oħra**

Abbażi tar-rispett tal-kompetenzi allokati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif definit fit-Trattati, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati tal-SADC fil-FSE, min-naħa l-oħra, ma għandhiex taffettwa l-awtonomija ta' deċiżjoni tal-Portugall u tas-Slovenja dwar il-kwistjonijiet ta' kompetenza nazzjonali, li d-deċiżjoni tagħhom li jkunu marbutin mill-Ftehim tiddependi fuq il-konklużjoni tal-proċeduri interni ta' ratifika, skont il-prinċipji u r-regoli Kostituzzjonali.

<table>
<tr><td colspan="4">Adozzjoni ta' atti leġislattivi wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mis-6 sad-9 ta' Ġunju 2016)</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TA' VOTAZZJONI</td><td>VOTI</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012<br>ĠU L 200, 26.7.2016, p. 1-136</td><td>PE-CONS 20/16</td><td>Mhux applikabbli</td><td>Mhux applikabbli</td></tr>
<tr><td colspan="4">It-3472 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fil-Lussemburgu fis-6 u s-7 ta’ Ġunju 2016</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td colspan="2">ATT</td><td colspan="2">DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</td></tr>
<tr><td colspan="2">Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet tar-regoli dettaljati għal aċċess mill-Istati Uniti tal-Amerka għas-Servizz Pubbliku Regolat provdut mis-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita stabbilita taħt il-programm Galileo</td><td colspan="2">8285/16</td></tr>
<tr><td colspan="2">Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/944 tas-6 ta' Ġunju 2016 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra<br>ĠU L 157, 15.6.2016, p. 19-20</td><td colspan="2">5977/16</td></tr>
<tr><td colspan="2">Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet tar-regoli dettaljati għal aċċess mir-Renju tan-Norveġja għas-Servizz Pubbliku Regolat ipprovdut mis-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita stabbilita fil-kwadru tal-programm Galileo</td><td colspan="2">8287/16</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/891 tas-6 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd<br>ĠU L 151, 8.6.2016, p. 1–3 | 9044/16 |
| Deċiżjoni (UE) 2016/989 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni minn Franza - EGF/2015/010 FR/MoryGlobal)<br>ĠU L 162, 21.6.2016, p. 10–11 | 8317/16 |
| Deċiżjoni (UE) 2016/990 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni ppreżentata mill-Greċja- EGF/2015/011 GR/Supermarket Larissa)<br>ĠU L 162, 21.6.2016, p. 12-13 | 8318/16 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-Belġju | 6200/16 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/888 tas-6 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/323 dwar ir-Regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp rigward il-pagament tal-ħlasijiet parzjali<br>ĠU L 149, 7.6.2016, p. 1-3 | 9209/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/968 tas-6 ta' Ġunju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Programm ISA2)<br>ĠU L 160, 17.6.2016, p. 90-93 | 8155/16 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/916 tas-6 ta' Ġunju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja baġitarja 02.03.01)<br>ĠU L 153, 10.6.2016, p. 35-37 | 8163/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/949 tas-6 ta' Ġunju 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 159, 16.6.2016, p. 1-2 | 8938/16 |
| Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea | 8940/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/890 tas-6 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali)<br>ĠU L 149, 7.6.2016, p. 6-7 | 8483/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehim komprensiv fil-qasam tat-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni | 8904/1/16 REV 1 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehim komprensiv fil-qasam tat-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istat tal-Qatar fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni | 8905/1/16 REV 1 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehim komprensiv fil-qasam tat-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Emirati Għarab Magħquda fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni | 9081/1/16 REV 1 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehim komprensiv fil-qasam tat-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tat-Turkija fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni | 8914/1/16 REV 1 |

| It-3473 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fid-9 u l-10 ta' Ġunju 2016 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ amministrattiv għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata | 9061/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu Netwerk Informali Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Vittmi | 8960/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tat-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol | 9373/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment | 9459/16 |
| **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit u l-Irlanda**<br>Id-Direttiva dwar ir-Ritorn u d-dokument tal-ivvjaġġar tal-UE għar-ritorn ma japplikawx għall-Irlanda u r-Renju Unit skont il-Protokolli Nru 19 u Nru 21 tat-Trattati tal-UE. Ir-Renju Unit jixtieq jinnota li aħna ma nappoġġawx it-tisħiħ tar-rabta bejn il-faċilitazzjoni tal-viża u r-riammissjoni kif imniżżel f'dawn il-Konklużjonijiet. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem fir-rigward tal-investigazzjoni finanzjarja | 8777/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem fid-dawl tal-ħolqien taż-Żona Ewropea tax-Xjenza Forensika | 8770/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/946 tad-9 ta' Ġunju 2016 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Iżvezja f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1523 u mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1601 li jistabbilixxu miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja<br>ĠU L 157, 15.6.2016, p. 23-25 | 5626/16 |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali 2015 tal-Eurojust | 9037/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza negozjati għall-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI dwar l-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji | 5988/16 |
| **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**<br>Ir-Renju Unit jappoġġa s-sustanza ta' din il-proposta. Aħna tal-fehma li għandu jiġi negozjat ftehim, jekk possibbli, mal-Iżvizzera u l-Liechtenstein biex ikunu jistgħu jieħdu sehem fi Prüm. Aħna nilqgħu wkoll iż-żieda tal-Artikoli 81(2)(d) u 87(2)(a) bħala bażijiet legali.<br>Madankollu, fil-fehma tagħna il-Premessa (3) tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill mhix korretta. Hija tindika li, minħabba li nieħdu sehem fi-Deċiżjonijiet 2008/615/ĠAI, 2008/616/ĠAI u 2009/915/ĠAI, qegħdin għalhekk nieħdu sehem fil-miżura li qed tiġi kkunsidrata hawnhekk. Peress li dan l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill isegwi t-Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplika l-Protokoll 21 TFUE u d-Deċiżjoni mhux ser torbot lir-Renju Unit dment li ma nagħżlux li nipparteċipaw fiha. Il-Protokoll 21 ma fih l-ebda dispożizzjoni li tneħħi l-applikazzjoni tal-għażla ta' parteċipazzjoni f'każijiet fejn l-UE jkollha kompetenza esklużiva li tinnegozja l-ftehim propost u r-Renju Unit jipparteċipa fil-miżura sottostanti li twassal għal dik il-kompetenza.<br>Ir-Renju Unit għażel li jipparteċipa f'din il-miżura b'ittra mibgħuta lill-President tal-Kunsill datata d-19 ta' Jannar 2016. Fil-fehma tagħna, il-Premessa (3) kellha tkun emendata biex tiddikjara li r-Renju Unit qed jieħu sehem minħabba dik id-deċiżjoni ta' għażla ta' parteċipazzjoni, u mhux bħala riżultat awtomatiku tal-parteċipazzjoni tagħna fil-miżuri sottostanti li jirregolaw Prüm. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-2015 | 8946/16 |
| Baġit Emendatorju Nru 1 għas-SISNET (VISION) għas-sena 2016 | 9282/16 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/954 tad-9 ta' Ġunju 2016 li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-reġimi ta' proprjetà ta' koppji internazzjonali, li tkopri kemm materji ta' reġimi ta' proprjetà matrimonjali kif ukoll il-konsegwenzi patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati<br>ĠU L 159, 16.6.2016, p. 16-18 | 8112/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/917 tad-9 ta' Ġunju 2016 li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Cote d'Ivoire<br>ĠU L 153, 10.6.2016, p. 38-38 | 9312/16 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/907 tad-9 ta' Ġunju 2016 li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 174/2005 li jimponi restrizzjonijiet dwar il-forniment ta' assistenza relatata ma' attivitajiet militari lill-Côte d'Ivoire u r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Kosta tal-Avorju<br>ĠU L 153, 10.6.2016, p. 1-2 | 9384/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-ġustizzja kriminali fiċ-ċiberspazju | 9579/16 |
| **Proċedura bil-miktub li ntemmet fl-14 ta' Ġunju 2016** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/947 tal-14 ta' Ġunju 2016 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244(1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.) (EULEX Kosovo)<br>ĠU L 157, 15.6.2016, p. 26-27 | 8457/16 |

<table>
<tr><td colspan="4">It-3474 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fil-Lussemburgu fis-16 u s-17 ta' Ġunju 2016</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TA' VOTAZZJONI</td><td>VOTI</td></tr>
<tr><td>Pożizzjoni (UE) Nru 12/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE Adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2016<br>ĠU C 267, 22.7.2016, p. 1-55</td><td>7532/16</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Astensjoni: UK</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mir-Renju Unit<br>Ir-Renju Unit jappoġġa bis-sħiħ l-għanijiet u l-objettivi tal-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, u jemmen li l-proposta ser twassal għal titjib sinifikanti fis-sikurezza.<br>Madankollu, ir-Renju Unit jemmen li l-adozzjoni finali ta’ att delegat hija sproporzjonata u li att ta’ implimentazzjoni jkun aktar xieraq billi inkwistjoni hemm l-implimentazzjoni ta’ standards internazzjonali, u mhux iż-żieda jew l-emendament ta’ parti mhux essenzjali tal-leġislazzjoni. Konsegwentement, ir-Renju Unit qed jastjeni milli jivvota dwar id-Direttiva li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni.</td></tr>
<tr><td>Pożizzjoni (UE) Nru 11/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 471/2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri fir-rigward tal-għoti ta' setgħat delegati u ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri. Adottata mill-Kunsill fis-16 ta’ Ġunju 2016. Test b'rilevanza għaż-ŻEE<br>ĠU C 253, 12.7.2016, p. 1-6</td><td>8536/16</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
</table>

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/992 tas-16 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat fir-rigward tas-Sri Lanka<br>ĠU L 162, 21.6.2016, p. 15-17 | 8560/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1039 tas-16 ta' Ġunju 2016 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar it-talba tal-Unjoni Ewropea għal estensjoni tad-deroga tad-WTO relattiva għar-reġim preferenzjali awtonomu għall-Balkani tal-Punent<br>ĠU L 169, 28.6.2016, p. 4-5 | 8683/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill: Bidu ġdid għal Djalogu Soċjali b'saħħtu | 10449/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar: Rispons għall-impenn strateġiku tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi | 10416/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar: Rispons għal-lista ta' azzjonijiet tal-Kummissjoni biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza għal-LGBTI | 10417/16 |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Ungerija**<br>L-Ungerija tibqa' dedikata li tiżgura d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd mingħajr diskriminazzjoni abbażi tad-Dritt Fundamentali. F'dan il-kuntest, l-Ungerija tiddikjara li l-Lista ta' Azzjonijiet tal-Kummissjoni biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza għal-LGBTI ma tistax tiġi interpretata li qed timponi fuq l-Istati Membri li jintroduċu xi obbligu fl-istituzzjonijiet tas-sistemi legali nazzjonali tagħhom li mhumiex f'konformità mal-ordni kostituzzjonali tagħhom jew biex jestendu l-ambitu tad-dispożizzjonijiet partikolari għaż-żwieġ.<br>L-Ungerija tinvoka d-Dritt Fundamentali tal-Ungerija li skontu ż-żwieġ huwa l-unjoni bejn raġel u mara stabbilita permezz ta' deċiżjoni volontarja. Għal din ir-raġuni, aħna niddikjaraw li l-fehim ta' żwieġ esklużivament bħala unjoni bejn raġel u mara u t-trattament preferenzjali tiegħu meta mqabbel ma' forom oħra ta' sħubija ma jistax jitqies bħala diskriminatorju.<br>Is-sistema legali nazzjonali Ungeriża tiżgura firxa wiesgħa ta' drittijiet għall-persuni LGBTI f'konformità mad-drittijiet tal-bniedem bażiċi u l-qafas tal-aktar valuri u prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ikkonfermat permezz tal-aktar rapport reċenti tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Persuni Leżbjani, Gay, Bisesswali, Trans u Intersesswali (ILGA) ta' Mejju 2016. |
| **Dikjarazzjoni mill-Polonja**<br>Il-Polonja tiżgura li l-persuni LGBTI jgawdu mid-drittijiet tal-bniedem fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem vinkolanti internazzjonalment u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Aħna nibqgħu ddedikati li niżguraw id-drittijiet tal-bniedem fundamentali għal kulħadd mingħajr diskriminazzjoni abbażi tad-dritt fundamentali. F'dan il-kuntest, il-Polonja tiddikjara li t-terminu "persuni LGBTI u l-familji tagħhom" mhuwiex ġustifikat skont il-liġi tal-UE, billi l-liġi tal-familja taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, u għalhekk ma tistax tiġi interpretata li timponi fuq l-Istati Membri li jintroduċu xi obbligu fl-istituzzjonijiet tas-sistemi legali nazzjonali tagħhom li mhumiex f'konformità mal-ordni kostituzzjonali tagħhom. Il-Polonja tinvoka l-Artikolu 18 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja li skontu ż-żwieġ huwa unjoni konjugali bejn raġel u mara fuq il-kunsens volontarju u mutwu tagħhom, skont il-qafas tas-sistema legali Pollakka. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja tiddikjara li l-fehim ta' żwieġ esklużivament bħala unjoni bejn raġel u mara u t-trattament preferenzjali tiegħu meta mqabbel ma' forom oħra koabitazzjoni (koppji de facto inkluż koppji tal-istess sess) ma jistax jitqies bħala diskriminatorju. Billi l-liġi tal-familja tappartjeni għall-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri, u f'konformità mal-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi u sussidjarjetà – kif ukoll it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri – l-ebda attività tal-Unjoni Ewropea ma tista' timponi fuq il-pajjiżi li jipproteġu l-fehim ta' żwieġ bħala unjoni bejn raġel u mara, xi obbligu li jġiegħel lill-pajjiżi biex jestendu l-ambitu tad-dispożizzjonijiet partikolari għaż-żwieġ għall-koppji tal-istess sess, anke jekk ikunu rreġistrati fi Stat Membru ieħor jew li jġiegħel lill-pajjiżi biex jintroduċu r-rikonoxximent tagħhom f'konformità mad-drittijiet eżistenti fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. |

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Iżvezja, id-Danimarka, l-Awstrija u l-Belġju flimkien mal-Lussemburgu, Malta, l-Irlanda, il-Greċja u l-Portugall<br>Aħna nilqgħu l-fatt li l-Kunsill għall-ewwel darba adotta Konklużjonijiet dwar id-drittijiet indaqs għal persuni LGBTI fl-UE. Madankollu, konna nippreferu messaġġ aktar ambizzjuż u aktar b'saħħtu dwar it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem minn persuni LGBTI.<br>Għaldaqstant, abbażi ta' dawn il-Konklużjonijiet, huwa saħansitra aktar importanti minn qabel li nkomplu naħdmu fl-UE u barra minnha għal drittijiet u opportunitajiet indaqs għal kulħadd, irrispettivament mill-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, u li niżguraw li l-valuri kulturali, tradizzjonali jew reliġjużi ma jistgħux jiġu invokati biex jiġġustifikaw xi forma ta' diskriminazzjoni, inkluż diskriminazzjoni kontra persuni LGBTI.<br>Aħna nisperaw li nkomplu din il-ġlieda flimkien ma' Stati Membri oħra.</td></tr>
<tr><td colspan="2">Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali: Approċċ integrat</td><td colspan="2">10434/16</td></tr>
<tr><td colspan="2">Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-prodotti tal-ikel</td><td colspan="2">10277/16</td></tr>
